Minuti tal-Laqgħa Nru. 4 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 26 ta' Ġunju 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Skola Sajf
5. Skola Sport
6. Ħatra tal-Bord għal Evalwazzjoni tat-Tenders
7. Toqob tal-arbli
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti preċedenti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana appella biex isir meeting flimkien mal-Pulizija sabiex ikun hemm aktar sorveljanza fi Triq il-Karmnu u Triq il-Ġdida minħabba li qed ikun hemm bosta karozzi għaddejin bi speed eċċessiv.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma biex is-schedule of payments tasal aktar kmieni lill-Kunsilliera.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma li waqt li kien qed isir ix-xogħol taż-żebgħa tal-arbli tad-dawl, kien inuttat li dawn l-arbli huma degredati. Huwa issuġġerrixxa biex waqt li jkun hemm l-electrician biex jara id-dawl ikun hemm ukoll it-tibdil tal-globi. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma wkoll biex dawk it-toroq li minhom se tgħaddi l-purċċissjoni tal-festa u li għandhom il-wiċċ mkagħbar jkun patched. Huwa appella wkoll għal dawk it-tinek li saru mill-Water Services u li l-asphalt irtab sabiex jsir kuntatt ma minn hu konċernat u jerġgħu jiġu patched kif suppost.

3.5 Għal waqt il-festa, il-Kunsillier Caruana semma biex issir laqgħa mal-kennies u l-kuntrattur inkarigat mill-ġbir tal-iskart imħallat sabiex ikun hemm program ta tindif għal waqt dan iż-żmien.

3.6 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq il-bżonn li jkun hemm knis fi Triq Ħal Tarxien peress li hemm ħafna ħmieġ. Is-Sindku wieġeb li għalissa nagħmlu pressjoni fuq il-kuntrattur preżenti imma din trid titieħed in konsiderazzjoni meta jkun hemm id-diskussjonijiet fuq it-tenders.

3.7 Is-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera Sammut semmew li hemm diversi siġar li hemm bżonn li jsir żbir fuqhom. Is-Sindku semma is-siġra li hemm maġenb id-Daycentre u xi siġar li hemm fil-ġenb tal-Iskola Primarja. Il-Kunsilliera Sammut semmiet li hemm siġar li huma wkoll velenużi li jridu jitqaċċtu ġewwa Ħal Farruġ.

3.8 Il-Kunsilliera Sammut resqet talba li saret mingħand il-Carly's sabiex isir U bar bir-reklam quddiem il-ħanut. Is-Sindku semma li l-Kunsill ma jistax jagħti permessi fuq dawn. Huwa issuġġerrixxa biex naraw ma Transport Malta x' inhi l-proċedura.

3.9 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk tistax isir xi miżura ta prekawzzjoni fejn l-OK Bar peress li din il-parti hija blind corner u hija ta periklu kemm għas sewwieqa kif ukoll għar residenti. Il-Kunsillier Caruana semma li f' dil-parti hemm sleeping policeman li jekk jitneħħew partijiet minnha jitnaqqas il-periklu. Is-Sindku semma wkoll biex fl-istess triq isir sleeping policeman fil-bidu ta Triq il-Karmnu.

3.10 Il-Kunsillier Sammut semmiet li fi Triq il-Vitorja jeħtieġ li jsiru r-road markings neċessarji.

3.11 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li hemm residenta f' Carmel Street li ikomplainjat fuq rwejjaħ ta drenaġġ. Is-Sindku wieġeb li huwa infurmat fuq il-każ, imma dan ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Sammut semmiet ukoll li hemm residenti mill-istess Triq li għandu problema ta karozzi li qed jipparkjaw maġenb il-garaxx tiegħu. Dan ir-residenti ssuġġerrixxa biex ikun hemm motor cycle bay u b' hekk ikun imnaqqas il-parkeġġ u jkun jista jimmanuvra aħjar.

3.12 Il-Kunsilliera Sammut semmiet biex isir rifriskar ta' żebgħa tal-linji u parking bays fi Triq il-Qasam Sperimentali.

3.13 Il-Kunsillier Camilleri semma biex dik il-parti quddiem il-Każin tal-Futbol ta Triq il-Ġdida jsiru road humps biex il-karozzi ġejjin jnaqqsu l-veloċita.

3.14 Is-Sindku ppreżenta email minn naħa tal-AKL li kienet tgħid li l-Assoċjazzjoni se tkun preżenti waqt il-fiera, kif ukoll se tniedi diskussjonijiet t interess għal Kunsilliera. Huwa stieden lill dawk il-Kunsilliera prezenti biex minn huwa interessat jattendi għal dawn id-diskussjonijiet.

3.15 Is-Sindku ippreżenta korrispondenza oħra biex jintgħażlu żgħażagħ biex jipparteċipaw għal Youth in Action Project.

3.16 Kien hemm korrispondenza oħra ppreżentata mis-Sindku sabiex il-Kunsill jingħata opportunita biex jorganiżża korsijiet li jaqgħu taħt l-iskema tal-Lifelong Learning.

3.17 Kien hemm Memo li tikkonċerna attivitajiet għal car free day ġewwa l-lokalita. Din kienet tgħid li dawk il-Kunsilli li jorganiżżaw attivita li tikkwalifika għal din l-inizjattiva jingħataw fondi biex iwettqu dik l-attivita.

3.18 Is-Sindku semma li bħala parti mill-manifest elettorali kien hemm il-proposta biex ikun hemm sistema ta live streaming tal-laqgħat tal-Kunsill. Din il-proposta kienet magħmula sabiex ir-residenti jkollhom aċċess possibilta niex jaraw xi jkun qed jiġri waqt il-laqgħa. Huwa semma wkoll li diġa kien hemm diskussjonijiet u talab lis-Segretarju biex jispjega aktar x tinvolvi.

3.19 Is-Segretarju semma li bħala spejjeż din tinvolvi l-installazjoni t' apparat, bandwidth u installazjoni ta software. Huwa semma li jekk hemm bżonn jistgħu jsiru laqgħat oħra biex dan il-proċess ikun spjegat aktar.

3.20 Il-Kunsillier Falzon semma li se jkun organiżżat tournament ta logħob tal-futbol ġewwa Ħal Safi u ssuġġerrixxa biex ikun iffurmat team li jirrapreżenta l-Kunsill u nipparteċipaw. Il-Kunsilliera Sammut semmiet li hija ssuġġerrit biex ikun hemm xi kundizzjonijiet li jinbidlu sabiex ikun possibli għal Kunsill biex jieħu sehem. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jipparteċipa.

## 4.0 SKOLASAJF

4.1 Is-Sindku semma li fuq Skola Sajf huwa kien kellem lill-Prinċipal tal-Kulleġ minħabba ċertu spejjeż li ġew imposti fuq il-Kunsill sabiex tkun organiżżata s-Summer School. Il-Prinċipal minn naħa tiegħu qal lis-Sindki li tali arranġament għandu jintlaħaq mal-Kap tal-Iskola.

4.2 Il-Kunsilliera Sammut semmiet ukoll li l-flus li intalbu minn naħa tal-iskola kien hemm minhom spejjeż żejda li setgħu ma jkunux mitluba. Fost dawn kien hemm l-ispiża ta € 100 għar rigward ta spejjeż ta detergents u cleaning materials.

## 5.0 SKOLASPORT

5.1 Il-Kunsillier Falzon semma li t-tħejjijiet għas Summer Camp mexjin tajjeb. Huwa semma li se ssir pasta night sabiex jinġabru flus b' risq din l-attivita. Għal din l-attivita huwa qal li se jintbagħatu inviti lill-Kunsilliera sabiex jattendu.

5.2 Il-Kunsillier Falzon ippreżenta wkoll stampa ta kif se jkun magħmul il-gear. Il-gear intgħoġob mill-Kunsilliera.

## 6.0 ĦATRA TAL-BORD GĦAL EVALWAZZJONI TAT-TENDERS

6.1 Is-Sindku semma li proposta oħra li saret fil-manifest elettorali kienet sabiex isir proġett pilota u membri minn fost il-pubbliku jkunu magħżula sabiex jiffurmaw parti minn Bord maħtur biex jagħmel evalwazzjoni tat-tenders. Din il-proposta qed isir sabiex il-pubbliku jiġi involut fil-proċess tal-għażla u anki jagħti sehemu.

6.2 Is-Sindku kompla jgħid li jrid ikun hemm ukoll anki persuni proposti minn naħa tas-Sotto Kumitat biex jiffurmaw parti mill-Bord.

6.3 Bħala persuni s-Sindku ppropona lill-Viċi Sindku u l-Kunsillier Caruana minn naħa tal-Kunsill. Minn naħa tas-Sotto Kumitat tal-kultura huwa ppropona lill-Avukat Hubert Theuma li jista jagħti parir legali u s-Sur. Anthony Fenech li għandu esperjenza kbira fil-kamp taċ-ċivil. Is-Sindku ppropona wkoll lill-Perit Pierre Poulton bħala tekniku fil-qasam tax-xogħol.

6.4 Is-Sindku ppropona dawn il-membri għal-Bord tal-Evalwazzjoni tat-Tenders. Huwa kien issekondat mill-Kunsilliera Massa. Il-Kunsilliera preżenti waqt il-laqgħa qablu lkoll mal-persuni magħżula.

## 7.0 TOQOB TAL-ARBLI

7.1 Is-Sindku semma li l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija avviċinat lill-Kunsill sabiex isiru toqob ġodda għal arbli tan-nar tal-art f' Wesgħet il-Vittmi tasl-Gwerra. Is-Sindku semma wkoll li kien hemm rappreżentanti mis-soċjeta Unjoni li wrew ukoll li kellhom il-ħsieb li jużaw l-istess toqob għas sena ta wara.

7.2 Peress li kien hemm dan il-ħsieb is-Sindku semma li kien il-Kunsill li għamel dawn it-toqob peress li minn fost il-Każini ikun diffiċli biex jintlaħaq ftehim.

## 8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

8.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa ta xiex kien il-kont li kien hemm assenjat lil Stone Art. Is-Sindku spjega li dan kien għax xogħol li sar fil-Housing ta Triq Giovanni Bonavia.

8.2 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuqxiex kien qed isir il-pagament lil Asfaltar. Is-Sindku wieġeb li dan kien part payment mill-ammont li kien hemm dovut fuq Triq il-Parroċċa li kien miżmum minħabba li l-kuntrattur ma kienx għamel xogħol sodisfaċent. Peress li issa rrimedja parti minnu inħareġ l-ammont li jikkorispondi għax xogħol li ġie rimedjat.

8.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk sarux il-pagamenti lill-persuna li ġabet it-tail lift biex isir iż-żebgħa tal-arbli u travett li kien parti mix-xogħol tal-garaxx.

8.4 Is-Segretarju tkellem ukoll fuq kont li kien ippreżentat minn naħa tal-futbol fuq spejjeż li kienu saru dakinhar tat-tournament fl-okkażżjoni ta Jum Ħal Luqa. Huwa qal ukoll li dawn il-flus kienu approvati fil-laqgħa preċedenti.

8.5 L-iskeda tal-pagamenti kienet approvata b vot unanimu.

Il-laqgħa giet fi tmiemha t-Tlieta 26 ta' Ġunju 2012, fis-6.45 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2012.

____________________ John Schembri, Sindku

____________________ Michael Portelli, Segretarju Eżekuttiv